# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn erbghatax (14) ta' Novembru 2016**

**Rikors Numru 81/16 FDP**

**J Zammit Limited**
**(C 37945)**

**vs**

**Jonathan Saliba (ID 167283M) u**
**Kevin Schembri (ID 28083M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' April 2016 fejn s-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuha s-somma ta' sitt elef, hames mija u erbgha u ghoxrin Euro (€6,524) rappresentanti l-bilanc tal-prezz dovut mill-intimati lis-socjeta rikorrenti u dan in rigward tal-hire purchase tal-vettura tal-ghamla Toyota Celica bin-numru ta' registrazzjoni FCB 378.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Ittra Ufficjali intavolata a tenur tal-Aartikolu 166A fid 9 ta'Marzu 2016, tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Qbid intavolati u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-morozita' fil-hlas skond il-ftehim tal-hire purchase datat 26 ta' Gunju 2014 sad-data tal-paament effettiv.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimati fit-3 ta' Mejju 2016 (fol 9).

Rat illi fis 27 ta’ Gunju 2016 dehru l-intimati u l-Qorti kkonceditilhom sas-seduta ta’ wara sabiex jippresnetaw l-eccezzjonjiet taghhom.

Rat illi fis 7 ta’ Lulju 2016 regghu dehru l-intimati u talbu ftit aktar zmien biex jippresentaw l-eccezzjonijet taghhom.

Rat illi fil 11 ta’ Lulju 2016, l-intimati ma dehrux u ma ppresentaw ebda eccezzjonijet izda l-kawza giet differita ghall provi.

Rat illi fl-10 ta’ Novembru 2016, stante illi ma kienux gew ippresnetati eccezzjonijet mil-intimati, ir-rikorrent ippresenta ukoll kapitolu fil-konfront tal-konvenuti (fol 14).

Rat illi fis-seduta ta’ llum, il-konvenuti gew imsejjha diversi drabi izda ma deherux biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur ta’ l-attur jghid li t-talba attrici ghadha dovuta issib li t-talba tal-attur kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ sitt elef, hames mija u erbgha u ghoxrin Euro (€6,524),** rappresentanti l-bilanc tal-prezz dovut mill-intimati lis-socjeta rikorrenti u dan in rigward tal-hire purchase tal-vettura tal-ghamla Toyota Celica bin-numru ta’ registrazzjoni FCB 378.

**Spejjez u Imghax legali kontra l-konvenuti in solidum bejniethom kif mitluba fil-avviz promotur.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**